

- n-nuqqas li jsir analiżi sena tal-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni;
 - l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni favur il-konklużjoni li jista' jitħalla miftuħ jekk il-konċentrazzjoni twassalx għal ISKE fis-suq bl-ingrossa għal aċċess u oriġini ta' telefonati fil-Ġermanja; u
 - l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni fir-rigward tal-konklużjonijiet milħuqa dwar l-effetti koordinati orizzontali fis-suq bl-ingrossa għal aċċess u oriġini ta' telefonati u fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet mobbli bl-imnut fil-Ġermanja.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żbalji serji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta:
- aċċettat l-impenji finali proposti minn Telefónica;
 - ikkonkludiet li dawn l-impenji finali jindirizzaw b'mod sħiħ l-iISKE; u
 - awtorizzat il-konċentrazzjoni suġġetta għall-konformità ta' Telefónica mal-impenji.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni, meta adottat id-Deċiżjoni, għamlet użu ħażin mill-poteri tagħha billi ħadet inkunsiderazzjoni kunsiderazzjonijiet ta' politika mhux relatati mal-kompetizzjoni minflok ma segwiet l-għanijiet ta' kompetizzjoni tat-Trattati u tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Amalgamazzjonijiet ("RUEA")⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40)

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2015 – Reienthal vs UASI (keep it easy)

(Kawża T-308/15)

(2015/C 270/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Peter Reienthal (Gilching, il-Ġermanja) (rappreżtant: E. Alike Busse, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "keep it easy" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 877 924

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 2659/2014-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Appell ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2015 minn CW mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-26 ta' Marzu 2015 fil-Kawża F-124/13, CW vs Il-Parlament

(Kawża T-309/15 P)

(2015/C 270/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: CW (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Bernard-Glanz, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

- tiddikjara l-appell ammissibbli;
- tannulla s-sentenza appellata;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;
- tagħti kumpens għad-danni; u
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka żewġ aggravji.

1. L-ewwel aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żnatura l-provi u wettaq żball ta' liġi meta kkonstata li, fid-deċiżjoni li tiċħad l-ilment, l-Awtorità tal-Ħatra fittxet li tikkonferma s-sustanza tad-deċiżjoni li tirrifjuta l-assistenza.
2. It-tieni aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żnatura l-provi u wettaq żball ta' liġi meta kkunsidra li l-Parlament ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni fl-għażla tiegħu ta' miżuri u metodi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2015 – Market Watch vs UASI – Glaxo Group (MITOCHRON)

(Kawża T-312/15)

(2015/C 270/47)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Market Watch Franchise & Consulting, Inc. (Freeport, il-Baĥamas) (rappreżentant: J. Korab, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)